**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 291/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud, Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Elton Cutajar**
**(ID 143690(M))**

**Illum, 3 ta' Marzu 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Elton Cutajar** ta' 24 sena, iben Carmel u Maria nee` Galea, imwieled il-Pieta`, fl-4 ta' Marzu 1990, residenti Flat 12, Binja Ħamrija, Flats Indipendenza, Triq il-Ħamrija, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 143690(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fid-19 ta' Frar 2013 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data:

a) Ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

c) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a)

tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

d) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), datat 20 ta' Settembru 2013, sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat ukoll illi fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2017, l-imputat talab lil din il-Qorti sabiex fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga, kif ukoll sabiex għal dan il-għan iressaq il-provi sabiex juri li l-elementi rikjesti mil-liġi fis-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu jissussistu;

Rat in oltre illi b'digriet tal-istess jum, il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputat sabiex iressaq il-provi msemmija[2];

Rat illi b'digriet tad-29 ta' Jannar 2018, il-Qorti laqgħet it-talba tal-imputat sabiex jiġi redatt *Social Inquiry Report* fil-konfront tiegħu[3], liema rapport ġie redatt u ppreżentat mill-Uffiċjal tal-*Probation* Sarah Bezzina fis-seduta tal-20 ta' Frar 2019[4];

Rat in oltre illi fuq talba tal-imputat, b'digriet tal-11 ta' Marzu 2019, il-Qorti ħatret lil Dr. Roberta Holland, *Forensic Psychologist,* sabiex tirrelata lill-Qorti bil-miktub, dwar jekk l-imputat kienx dipendenti fuq id-droga *cannabis* fiż-żmien li għalih jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni[5], kif ukoll ir-relazzjoni tal-istess Dr. Roberta Holland ippreżentata minnha fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2019[6];

Rat ukoll illi b'digriet tat-30 ta' Settembru 2020, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-imputat sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga u dan stante illi ma

---

[1] A fol. 7 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 132 tal-proċess.
[3] A fol. 134 tal-proċess.
[4] Ara r-rapport esebit a fol. 175 *et seq* tal-proċess;
[5] Ara a fol. 194 tal-proċess.
[6] Ara r-relazzjoni a fol. 202 *et seq* tal-proċess.

kinitx sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta kienu jissussistu[7];

Rat in oltre illi fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2020, id-difiża talbet illi l-Qorti tiskarta l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fid-19 ta' Frar 2013 u fl-20 ta' Frar 2013 rispettivament u dan għaliex huwa ma kellux id-dritt illi jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tiegħu, għal-liema talba l-Prosekuzzjoni opponiet[8];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni[9] u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.[10]

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar id-19 ta' Frar 2013, għall-ħabta tal-4.00 p.m. jew l-4.20 p.m., waqt illi **PC 899 John Paul Vella** u **PC 660 Alex Mifsud** kienu qegħdin jagħmlu ronda fi Triq Għaxqet l-Għajn, il-Għargħur, magħrufa bħala *Top of the World,* innutaw vettura tal-marka Volkswagen Golf bajda bin-numru ta' reġistrazzjoni ABP 373, li kienet wieqfa u fiha kien hemm żewġ ġuvintur, li x'ħin indunaw bil-presenza tal-Pulizija, dehru aġitati u bħal qed jaħbu xi ħaġa u għalhekk il-Pulizija niżlu mill-vettura tagħhom sabiex ikellmuhom. Dawn innutaw illi kemm fuq il-persuna tal-passiġġier, ċertu Wayne Calleja, kif ukoll fuq il-persuna tax-xufier, Elton Cutajar, ossia l-imptuat odjern, kien hemm tabakk imfarrak, filwaqt illi ħdejn il-*handbrake* kien hemm nofs sigarett. PC 660 Alex Mifsud innota wkoll *joint* mal-art, fuq it-tapit quddiem il-passiġġier. Għalhekk fuq suspett li dawn seta' kellhom xi droga fil-pussess tagħhom, l-imputat u Calleja intalbu joħorġu mill-vettura u saret tfittxija fuq il-persuna tagħhom li rriżultat fin-negattiv. Saret ukoll tfittxija fil-vettura u fuq in-naħa tax-xufier instab pakkett tas-sigaretti *Pall Mall* li kien jikkontjeni dawk li PC 899 iddeskriva bħala "*tmien stikek kannella*"[11], kif ukoll kontenitur tal-plastik bil-kliem '*Ultimate Speed*' li kien fih *pouch* iswed kontenenti sittax-il pakkett ta' sustanza ħadranija. Fuq l-istess naħa tal-vettura, instabu wkoll seba' pakketti vojta tal-plastik u *grinder* żgħir. Fuq in-naħa tal-passiġġier, Wayne Calleja, fuq it-tapit fl-art, kien hemm *joint* u f'nofs id-*dashboard*, taħt l-i*stereo* tal-vettura, kien hemm dawk li PC 899 jiddeskrivihom bħala "*zewg stikek ohra*".[12] L-imputat u Calleja ġew arrestati u ttieħdu ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar. Jirriżulta wkoll illi **PS 839 Stephen Micallef**, li dak iż-żmien kien stazzjonat l-

[7] Ara a fol. 232 tal-proċess.
[8] A fol. 239 tal-proċess.
[9] A fol. 243 *et seq* tal-proċess.
[10] A fol. 247 *et seq* tal-proċess.
[11] A fol. 96 tal-proċess.
[12] A fol. 96 tal-proċess.

Għassa tan-Naxxar, irrediġa rapport dwar il-każ[13], u dan wara li l-imputat u Wayne Calleja, kif ingħad, ittieħdu ġewwa l-imsemmija Għassa tal-Pulizija. L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija Eżekuttiva dakinhar stess, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li jeżerċitah[14], kif ukoll stqarrija oħra l-għada 20 ta' Frar 2013 u dan wara li huwa reġa' ngħata l-istess drittijiet, għalkemm din id-darba għażel li ma jottjenix parir legali[15].[16] L-istess imputat ikkonferma l-istqarrijiet rilaxxjati minnu bil-ġurament tiegħu nhar l-20 ta' Frar 2013 quddiem il-Maġistrat (illum l-Onor. Imħallef) Dr. Doreen Clarke.[17] Fir-rigward, **is-Supretendent Dennis Theuma** jixhed illi l-imputat għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, bi grad.[18]

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi saru tfittxijiet fir-residenzi tal-imputat u ta' Wayne Calleja rispettivament, fejn hemmhekk ġew elevati affarijiet relatati mad-droga. Fir-residenza tal-imputat instabu *grinder* ta' kulur aħdar u ieħor ta' lewn il-fidda, pipa ta' kulur kannella, pipa tal-plastik trasparenti u oħra *silver*, u oħra bil-kliem '*Amsterdam'.* Kien hemm ukoll diversi *cigarette butts*, li setgħu kienu *joints*, ħames pakketti riżla, boroż tal-plastik bis-simbolu tal-*cannabis* li seta' kellhom xi traċċi fihom u diversi boroż oħrajn. Fir-residenza ta' Calleja nstabu *haversack* kannella li kien fih *cigarette butts* ukoll suspettati li kienu jikkontjenu l-*cannabis, grinder* blu li kien jikkontjeni traċċi kannella, residwu tat-tabakk suspettat ħaxixa, pipi waħda ta' kulur iswed, oħra kulur il-fidda u oħra ħadra, u *bowl* li kien fih 3 boroż vojta bi *smiley* fuqhom, li seta' kellhom xi traċċi. Kien hemm ukoll xi *rouches* u *marijuana box* li kien fiha xi boroż tal-plastik vojta; skont PS 839 dawn kellhom fuqhom *smiley* jew is-simbolu tal-*marijuana.* Instabet ukoll sustanza suspettata raża tal-*cannabis.*[19]

Fl-atti ġie esebit il-proċess verbal dwar l-inkjesta li saret f'dan il-każ "*dwar sejba ta' sustanza suspettata droga u oggetti ohra relatati ma' l-abbuz ta' droga fil-pussess ta' Elton Cutjar, karta ta' l-identita` bin-numru 143690(M) u ta' Wayne Calleja, karta ta' l-identita` bin-numru 13197(M)*", mil-liema jirriżulta illi l-Maġistrat Inkwirenti Dr. Gabriella Vella ħatret bħala esperti sabiex jgħinuha fl-

---

[13] Ara dan ir-rapport, a fol. 50 *et seq* tal-proċess, kif ikkonfermat mill-istess PS 839 Stephen Micallef fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, a fol. 111 *et seq* tal-proċess.

[14] Ara l-istqarrija Dok. DT 1 fl-atti tal-proċess verbal esebit a fol. 16 *et seq* tal-proċess, liema stqarrija tinsab a fol. 26 *et seq* tal-proċess.

[15] Din l-istqarrija ġiet esebita bħala Dok. DT 2, a fol. 30 *et seq* tal-proċess u bħala Dok. DT, a fol. 110 *et seq* tal-proċess.

[16] Ara x-xhieda ta' **PC 899 John Paul Vella**, a fol. 95 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda tal-**Ispettur** (illum Supretendent) **Josric Mifsud**, a fol. 103 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda tas-**Supretendent** (illum Assistent Kummissarju) **Dennis Thuema**, a fol. 106 *et seq* tal-proċess u x-xhieda ta' **PC 660 Alex Mifsud**, a fol. 116 *et seq* tal-proċess.

[17] Ara l-proċess verbal dwar "*Stqarrija guramentata ta' Elton Cutajar nhar l-20 ta' Frar 2013"* a fol. 16 *et seq* tal-proċess.

[18] Ara a fol. 108 tal-proċess.

[19] Ara x-xhieda ta' PS 839 Stephen Micallef, a fol. 110 *et seq* tal-proċess.

istess lill-Ispiżjar Mario Mifsud, kif ukoll lil PS 465 Daniel Abela u lil PS 826 Matthew Parnis bħala *Scene of Crime Officers*.[20] B'digriet tad-29 ta' Marzu 2017, madankollu, stante illi l-Ispiżjar Mario Mifsud irrinunzja għall-inkarigu mogħti lilu u talab li jiġi sostitwit, il-Qorti ħatret minflok lix-Xjenzat Godwin Sammut.[21]

Mir-relazzjoni ippreżentata minn **PS 465 Daniel Abela** u kkonfermatha minnu f'dawn il-proċeduri[22], jirriżulta illi fid-19 ta' Frar 2013 għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20:00 hrs), huwa aċċeda ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar fejn ġew indikati lilu xi sustanzi u oġġetti relatati mad-droga. Fil-presenza tal-imputat u ta' Wayne Calleja, huwa eleva diversi oġġetti li ġew individwalment iddokumentati skont il-kodiċi tal-Laboratorju Forensiku u deskritti kif ġej:

| | |
|---|---|
| 13 AMN 201 | Basket bil-kelma *Vascas* ta' lewn kannella |
| 13 AMN 201a | Kontenitur tal-plastik li kien jikkontjeni borża ta' lewn iswed li kien fiha sittax (16)-il pakkett kontenenti xi ħaxix |
| 13 AMN201b | *Roll Foam tape* |
| 13 AMN201c | 7 pakketti tal-plastik vojta |
| 13 AMN201d | *Crusher* |
| 13 AMN 201e | Pakkett tas-sigarretti *Pall Mall* kontenenti *joint*, loqma ta' sigarett, *roach* u nofs sigarett |
| 13 AMN201f | Pakkett tas-sigaretti *Pall Mall* kontenenti 10 blokok ta' *resin* suspettata droga |
| 13 AMN201g | Pakkett tas-sigaretti *Silk Cut* kontenenti 7 sigaretti, nofs sigarett u biċċa kartuna |
| 13 AMN 202 | Basket ta' lewn kannella tad-ditta *Converse* |
| 1 AMN202a | Ħakkieka bil-manku ta' lewn ċelesti |
| 1 AMN202b | *Lighter* |
| 1 AMN202c | *Pipe* |
| 1 AMN202d | Sigarett |
| 13 AMN 202e | Ċilindru ta' lewn griż, kontenenti *pipe* iswed b'xi traċċi ta' sustanza suspettata illegali fuqu |
| 13 AMN 202f | Kontenitur ta' lewn griż bl-ittra '*G*', kontenenti ħames boroż transparenti u vojta, 13-il loqma ta' sigarett, biċċa kartuna u pakkett karti tal-brim |
| 13 AMN 202g | Kontenitur bil-kliem *PSP* kontenenti *lighter*, sigarett vojt, loqma ta' sigarett u 3 karti tal-brim |
| 13 AMN202h | Kaxxa tal-plastik bil-kliem *Legalize*, kontenenti żewġ boroż, żewġ loqmiet tas-sigarretti, 3 *pipe screens*, kartun |

[20] Ara a fol. 43 *et seq* tal-proċess.
[21] A fol. 129 tal-proċess.
[22] Ara din ir-relazzjoni a fol. 55 *et seq* tal-proċess u x-xhieda ta' PS 465 Daniel Abela, a fol. 98 *et seq* tal-proċess.

| | |
|---|---|
| | kulurit bil-kliem *pipe screen*, *scraper* u 6 biċċiet *resin* suspettati droga |
| 13 AMN203 | Basket tal-plastik abjad bil-kliem *Scotts* |
| 1 AMN203a | 2 boroż trasparenti |
| 1 AMN20 b | 1 *glass smoker* |
| 13 AMN203c | 1 *pipe* ġewwa kaxxi bil-kliem *Amsterdam* |
| 13 AMN203d | Ħakkieka bil-manku *lime* |
| 13 AMN 203e | Kontenitur tal-plastik kontenenti *pipe, crusher*, 6 kartuniet tal-karti tal-brim, pakkett ta' boroż vojta u 8 *roaches* |

Mir-relazzjoni ta' **PS 826 Matthew Parnis**, ikkonfermatha minnu f'dawn il-proċeduri, jirriżulta illi fid-19 ta' Frar 2013, għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20:00 hrs) huwa aċċeda ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar u hemmhekk ġew indikati lilu diversi sustanzi allegatament illegali u affarijiet oħra relatati, li kienu jinsabu ġewwa basket. Fil-presenza ta' Wayne Calleja, huwa ġibed 31 ritratt li ġew individwalment iddokumentati skont il-kodiċi tal-Laboratorju Forensiku minn Dok. 13 AMN 101 sa Dok. 13 AMN 131. In oltre huwa ffotografa basket ieħor, fil-presenza tal-imputat Elton Calleja, billi ġibed 7 ritratti li ġew individwalment iddokumentati skont il-kodiċi tal-Laboratorju Forensiku minn Dok. 13 AMN 132 sa Dok. 13 AMN 138. L-imsemmija ritratti lkoll jiffurmaw parti mill-istess relazzjoni.[23]

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, liema relazzjoni ġiet esebita minnu f'dawn il-proċeduri[24], jirriżulta illi huwa ngħata s-segwenti għall-analizi tiegħu:

Żewġ kaxxi mmarkati I/B/352/2013 li kien fihom is-segwenti:

Kaxxa 1: *Evidence bag* bin-numru L00039217 u mmarkat 13 AMN 201 li kien fiha:

(1) basket ta' lewn kannella bil-kliem *Vascas* li fih:

(i) 3 pakketti tas-sigaretti li wieħed minnhom (pakkett ta' lewn blu bil-kliem *Pall Mall*) kien fih 2 *joints* [li rriżultaw pożittivi għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol*], il-pakkett ta' lewn abjad u bil-kliem *Silk Cut* kien fih sigaretti u t-tielet pakkett (pakkett ta' lewn blu bil-kliem *Pall Mall*) kien fih 10 stikek ta' lewn

[23] Ara r-relazzjoni a fol. 62 *et seq* tal-proċess u x-xhieda ta' PS 826 Matthew Parnis a fol. 100 *et seq* tal-proċess.
[24] Ara din ix-xhieda a fol. 137 *et seq* tal-proċess.

kannella [li rriżultaw pożittivi għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* f'piż ta' 37.4 grammi];

(2) boroż tal-plastik trasparenti vojta;

(3) kontenitur tal-plastik li fih borża ta' lewn sewda li fiha 16-il pakkett tal-plastik li fihom *buds* ta' lewn aħdar [li rriżultaw pożittivi għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* fis-segwenti piżijiet: 0.71g, 0.80g, 0.72g, 0.65g, 0.90g, 0.55g, 0.58g, 0.82g, 0.90g, 0.81g, 0.65g, 0.89g, 0.90g, 0.78g, 0.82g u 0.92g];

(4) romblu *tape* tal-*foam*;

(5) *crusher* tal-metall [li rriżulta pożittiv għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol*].

*Evidence bag* bin-numru L00039210 u mmarkat 13 AMN 203 li fiha:

(1) basket tal-plastik abjad bil-kliem *Scotts*;

(2) 2 boroż trasparenti;

(3) bong tal-ħġieġ [li rriżulta pożittiv għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol*];

(4) pipa ġo kaxxa bil-kliem *Amsterdam*;

(5) *grater* bil-manku ta' lewn *lime* [li rriżulta pożittiv għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol*];

(6) kontenitur tal-plastik li fih pipa tal-injam [li rriżultat pożittiva għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol*], *crusher* [li rriżulta pożittiv għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol*], karti tal-brim, pakkett ta' boroż vojta u *roaches*.

Kaxxa 2: *Evidence bag* bin-numru D00174961 u mmarkat 13 AMN 202 li fiha:

(1) *grater* bil-manku ta' lewn blu [li rriżulta pożittiv għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol*];

(2) *lighter*;

(3) pipa;

(4) sigarett;

(5) ċilindru ta' lewn griż li fih pipa;

(6) kontenitur ta' lewn griż bl-ittra *G* li fih boroż trasparenti vojta, loqom ta' sigaretti u karti tal-brim;

(7) kaxxa tal-plastik li fiha żewġ boroż, loqom tas-sigaretti, *pipe screens*, biċċa kartuna u 6 biċċiet ta' sustanza ta' lewn kannella [li rriżultaw pożittivi għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* u kellhom piż ta' 0.62 grammi].

Illi l-istess espert ikkonkluda s-segwenti fuq dawn id-dokumenti:

(a) Illi fuq estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella fid-dokument I/B/352/2013 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piż total tas-sustanzi kien ta' 38.02 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 10%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-*cannabis* u hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(b) Illi fuq estratti meħuda mill-*buds* ta' lewn aħdar fid-dokument immarkat I/B/352/2013 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piż total tal-*buds* kien ta' 12.40 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 8%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-*cannabis* u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 9 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(c) Illi fuq estratti meħuda mill-*joints, crushers, bong* u pipa nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*.[25]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandhom jingħataw l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat nhar id-19 ta' Frar 2013 u nhar l-20 ta' Frar 2013 rispettivament, liema stqarrijiet ġew rilaxxjati minnu wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi u l-jedd li jottjeni parir legali, liema jedd in kwantu l-istqarrija tad-19 ta' Frar 2013, l-imputat għażel illi jeżerċitah u filfatt ikkomunika mal-Avukat Dr. Joseph Ellis. In kwantu għall-istqarrija tal-20 ta' Frar 2013, madankollu, wara li ngħata l-istess drittijiet, l-imputat irrinunzja għall-jedd tal-parir legali.[26] In oltre qabel irrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu, ġiet spejagata

[25] Ara din ir-relazzjoni a fol. 140 *et seq* tal-proċess.
[26] Dok. DT 1, a fol. 26 sa 29 u Dok. DT 2, a fol. 30 u 30A tal-proċess.

lill-istess imputat ir-regola tal-inferenza. Fl-20 ta' Frar 2013, imbagħad, l-imputat ikkonferma l-istqarrijiet tiegħu bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Dr. Doreen Clarke, u dan wara li huwa reġa' ngħata s-solita twissija, kif ukoll il-jedd li jikkonsulta ulterjorment ma' avukat, liema dritt huwa rrinunzja għalih.[27]

Kif ingħad iżjed 'il fuq, fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2020, id-difiża talbet illi l-Qorti tiskarta l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat fid-19 ta' Frar 2013 u fl-20 ta' Frar 2013 u dan għaliex huwa ma kellux id-dritt illi jkun assistit minn avukat waqt l-interrogatorji tiegħu, għal-liema talba l-Prosekuzzjoni opponiet. Fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata jew suspettata b'dan il-jedd u dan stante illi dan daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni għamlet referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ossia **Philippe Beuze v Belgium** deċiża mill-*Grand Chamber* nhar id-9 ta' Novembru 2018 u **Farrugia v Malta** reża finali mill-Qorti Ewropea fis-7 ta' Ottubru 2019, filwaqt illi d-difiża rreferiet għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat**.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss, u dan b'żieda mas-sentenza hawn fuq imsemmija ċitata mid-difiża, is-sentenzi fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **Clive Dimech vs Avukat Ġenerali** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello** (Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali), 18 ta' Novembru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022).

Fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ, minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija tiegħu, ir-rikorrenti kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-Pulizija, fl-istqarrijiet tiegħu, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi li sarulu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. F'dan il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

[27] Ara a fol. 31 *et seq* tal-proċess.

"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.

37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, <u>waħda minnhom ġuramentata</u>, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.  F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** tas-16 ta' Mejju 2019.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**:

"14.  Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu,

kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Irid jingħad ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

"26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti <u>Mehmet Zeki Celebi v. Turkey</u> (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

*"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that <u>it is only in very exceptional circumstances</u> that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza <u>Ibrahim and Others v. the United Kingdom</u> tat-13

ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello** tat-18 ta' Novembru 2021, fejn hemmhekk dik il-Qorti segwiet l-insenjament fl-aħħar sentenza hawn fuq ċitata, wara li qieset illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu Militello ammetta għar-reati li huwa tressaq dwarhom quddiem il-Qorti:

> "Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma qagħdetx lura milli tordna l-isfilz ta' stqarrijiet meta sabet li fihom hemm dikjarazzjonijiet inkriminanti. L-aktar waħda riċenti li din il-Qorti ltaqgħat magħha kienet dik fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt et** (Att t'Akkuża 5/2017) mogħtija fis-27 t'Ottubru 2021 ...:
>
> > "din il-prova li ittieħdet meta l-appellant ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellant wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid

jiġi iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel, kemm permezz tad-dikjarazzjonijiet verbali magħmula mill-appellant, kif ukoll dawk magħmula fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellant ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija u dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din il-Qorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat mal-pregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellant f'kaz l-istess tiġi ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha. Il-Qorti għalhekk qed titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward."

Finalment, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** tal-4 ta' Mejju 2022, fejn ingħad hekk:

19. Dan magħdud, madanakollu, l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq.[28] Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet xi leżjoni, billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, iżda jidher illi bħala rimedju prekawzjonarju minħabba f'leżjoni potenzjali, dik il-Qorti qiegħda ripetutament tagħti d-direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta' l-istqarrija. Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti

[28] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Clive Dimech vs Avukat Generali**, **The Police vs Alexander Hickey**, **Morgan Onuorah vs l-Avukat ta' l-Istat**.

> ma tistax ma timxiex mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm kif ingħad il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu."

Fil-każ odjern, huwa evidenti illi n-nuqqas li l-imputat jingħata l-jedd li jottjeni parir legali waqt l-interrogatorji tiegħi fid-19 ta' Frar 2013 u fl-20 ta' Frar 2013, inkluż ukoll meta xehed quddiem il-Maġistrat tal-Għassa fl-20 ta' Frar 2013, fejn ikkonferma l-istqarrijiet rilaxxjati minnu lill-Pulizija Eżekuttiva bil-ġurament, ma kienx nuqqas li ma sarraf fl-ebda preġudizzju għalih, stante li huwa għamel dikjarazzjonijiet ferm inkriminanti, li wasslu sabiex huwa jiġi akkużat mhux biss bir-reati mertu tal-imputazzjonijiet (b) u (ċ), iżda wkoll bir-reat mertu tal-imputazzjoni (a). Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrijiet meħuda lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu bħala nieqsa minn valur probatorju. Naturalment dan jgħodd ukoll għal dak li xehed l-Ispettur Josric Mifsud in konnessjoni mad-dikjarazzjonijiet tal-imputat fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu. Il-Qorti qed tqis in oltre illi dawn il-prinċipji għandhom jgħoddu wkoll għax-xhieda tal-imputat quddiem il-Maġistrat Dr. Doreen Clarke fl-istess jum tal-20 ta' Frar 2013, li permezz tagħha l-istess imputat ikkonferma l-istqarrijiet tiegħu bil-ġurament. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza **Christophter Bartolo vs Avukat tal-Istat** tat-22 ta' Ġunju 2021:

> "79. Il-Qorti qed tipprova tirrinkonċilja l-fatt, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018. Dik il-Qorti ordnat, li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. Fid-dawl ta' din l-ordni, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaginazzjoni tista' tasal għall-konklużjoni li l-konferma bil-ġurament ta' dawk l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat ma għandhomx ukoll ikunu mwarrbin. Kważi kwazi dan għandu xebħ mal-każ fejn dokument oriġinali jitwarrab iżda mhux il-kopja tiegħu. Il-konferma bil-ġurament hija unikament imsejsa fuq l-istqarrijiet u kwalunkwe ammissjoni kienet ukoll b'konsegwenza tal-istess."

Il-Qorti hawnhekk qed tqis ukoll illi f'dak il-każ, ittieħed in kunsiderazzjoni wkoll l-istat vulnerabbli tal-imputat fid-dawl tal-kundizzjoni medika tiegħu, fattur dan li mhux preżenti fil-każ odjern. Biss il-Qorti tqis illi anke hawnhekk minkejja li l-imputat, qabel ikkonferma l-istqarrijiet tiegħu bil-ġurament, ġie mistoqsi mill-Maġistrat jekk xtaqx jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu, u huwa ddikjara li ma kienx hemm il-ħtieġa li jagħmel dan, u ġie anke mwissi bid-dritt tiegħu tas-silenzju, kif ukoll illi dak li jgħid jista' jinġieb bħala prova fil-Qorti[29], la darba d-dritt għall-assistenza legali għandu jingħata meta persuna arrestata tirrilaxxja stqarrija, anzi mill-fażijiet inizzjali tal-investigazzjoni, l-istess

[29] Ara a fol. 116 tal-proċess.

għandu japplika fir-rigward ta' stqarrija ġuramentata mogħtija quddiem awtorita` ġudizzjarja. Dan b'mod partikolari meta wieħed iqis illi stqarrija ġuramentata, min-natura tagħha u proprju għaliex hija ġuramentata, għandha iżjed saħħa u valur probatorju minn stqarrija rilaxxjata lill-Pulizija. Fil-każ odjern, il-Maġistrat ma kinitx f'posizzjoni li tagħtih id-dritt għall-assistenza legali la darba dan ma kienx viġenti taħt il-liġi Maltija. Il-Qorti tqis ukoll illi f'dan l-istadju diġa` kien evidenti minn dak li kien stqarr mal-Pulizija, illi l-imputat eventwalment kien ser jiġi mixli bir-reati mertu ta' dawn il-proċeduri. Fil-fatt fix-xhieda tiegħu tal-20 ta' Frar 2013, quddiem il-Maġistrat Dr. Doreen Clarke, l-Ispettur Dennis Theuma qal hekk: "*Fil-fatt bazikament Sinjura Magistrat imbaghad ha jittiehdu proceduri kemm <u>kontra s-Sur Elton Cutajar</u> u kemm kontra s-Sur Wayne Calleja fuq traffikar u pussess aggravat tas-sustanza Kannabis.*"[30] [sottolinear tal-Qorti]

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiskarta wkoll ix-xhieda tal-imputat quddiem il-Maġistrat Dr. Doreen Clarke, li permezz tagħha huwa kkonferma bil-ġurament l-istqarrijiet rilaxxjati minnu lill-Pulizija.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta mingħajr dubju illi nhar id-19 ta' Frar 2013, fil-vettura li fiha l-imputat kien jinsab bil-qegħda fuq in-naħa ta' xufier, u filwaqt illi fl-istess vettura kien hemm ukoll ċertu Wayne Calleja, instabu diversi sustanzi, li rriżultaw illi kienu pjanta u raża tal-*cannabis*. Jirriżulta mix-xhieda ta' PC 899 John Paul Vella, illi l-maġġor parti tal-oġġetti misjuba fil-vettura ossia pakkett tas-sigaretti *Pall Mall* li, skont ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, kien jikkontjeni stikek tar-raża tal-*cannabis*, tmienja skont ix-xhieda ta' PC 899 John Paul Vella u skont ir-rapport redatt minn PS 839 Stephen Micallef jew għaxra skont ir-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela u r-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, kif ukoll kontenitur li kien jikkontjeni sittax-il pakkett ta' sustanza ħadranija li rriżultat fil-pożittiv għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, seba' pakketti vojta tal-plastik u *grinder* żgħir, instabu fil-bieba tan-naħa tax-xufier, filwaqt illi f'nofs id-*dashboard*, taħt l-i*stereo* instabu żewġ stikek oħra tar-raża tal-*cannabis*, u fuq it-tapit fl-art, quddiem il-passiġġier kien hemm dak li ġie deskritt bħala *joint*. Kien hemm ukoll nofs sigarett ħdejn il-*handbrake*. Ir-rapport redatt minn PS 839 Stephen Micallef wara s-sejba ta' dawn l-oġġetti, jidentifika proprju l-istess oġġetti apparti li jżid fid-deskrizzjoni tal-kontenitur li fih instabu s-sittax-il pakkett ta' sustanza ħadranija, jindika illi s-seba' boroż vojta tal-plastik instabu f'basket tal-karti bil-kelma *Vascas* u jżid ukoll illi fin-nofs tal-*console* taħt l-i*stereo*, apparti żewġ stikek kannella, instab ukoll pakkett *rouches*.

L-oġġetti misjuba fir-residenzi tal-imputat u ta' Wayne Calleja rispettivament ukoll ġew deskritti minn PS 839 Stephen Micallef fir-rapport redatt minnu u fix-

[30] A fol. 25 tal-proċess; ara din ix-xhieda a fol. 21 *et seq* tal-proċess.

xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, mil-liema jirriżulta wkoll illi huwa kien preżenti għal dawn it-tfittxijiet.

L-oġġetti in kwistjoni ġew iffotografati minn PS 826 Matthew Parnis u dan, kif jirriżulta fir-relazzjoni tiegħu, ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar, filwaqt illi l-istess oġġetti ġew elevati u dokumentati minn PS 465 Daniel Abela fl-istess post. It-tnejn jirreferu għall-oġġetti li ġew indikati lilhom ġewwa l-imsemmija għassa. Jirriżulta illi PS 826 iffotografa l-ewwel diversi oġġetti ossia sustanzi u affarijiet oħra relatati li kienu jinsabu f'basket ġewwa l-uffiċju tal-Ispettur Josric Mifsud u dan fil-presenza ta' Wayne Calleja, oltre l-Ispetturi Josric Mifsud u Dennis Theuma, u sussegwentement iffotografa l-kontenut ta' basket ieħor fil-presenza tal-imputat odjern. Da parti tiegħu, PS 465 Daniel Abela jirrelata illi preżenti fuq il-post, ġewwa l-Għassa tan-Naxxar kien hemm l-imputat, Wayne Calleja, PS 826 Matthew Parnis, kif ukoll l-Ispetturi Josric Mifsud u Dennis Theuma u illi wara li ġew indikati lilu xi sustanzi u oġġetti relatati mad-droga, huwa eleva u ddokumenta dawn l-oġġetti bil-mod minnu deskritt fir-relazzjoni tiegħu.

Fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża tilmenta mill-fatt illi l-oġġetti in kwistjoni ma ġewx fotografati minn PS 826 Matthew Parnis fil-presenza tal-imputat odjern. Issostni wkoll illi ma jirriżultax kif ġew trasportati l-oġġetti misjuba fil-vettura miż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija u illi dawn ma kinux maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jelevaw l-oġġetti in kwistjoni. Issosnti għalhekk illi d-difiża ma kellha l-ebda kontroll dwar jekk l-oġġetti fotografati mill-espert maħtur mill-Inkwirenti kienux filfatt l-istess oġġetti li ġew elevati mill-Pulizija mill-vettura. Skont id-difiża ma tirriżultax ic-*chain of evidence* li l-oġġetti elevati mill-vettura kienu finalment dawk analizzati mill-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut u illi għalhekk il-Qorti għandha tiskarta r-relazzjoni tal-istess espert.

Dwar dan il-Qorti tinnota illi verament jirriżulta li wħud mill-oġġetti elevati – ossia dawk elevati mill-vettura u mir-residenza ta' Calleja - ma ġewx fotografati fil-presenza tal-imputat, iżda fil-presenza ta' Wayne Calleja. Madankollu jirriżulta illi l-oġġetti in kwistjoni ġew elevati u dokumentati minn PS 465 Daniel Abela ġewwa l-Għassa tan-Naxxar fil-presenza tal-imputat ukoll. Oltre dan, il-Qorti tqis illi l-oġġetti li nstabu fil-vettura ġew elevati minn PC 899 John Paul Vella fil-presenza kemm tal-imputat, kif ukoll ta' Calleja, li kienu t-tnejn preżenti fuq il-post meta saret din it-tfittxija, tant illi PC 899 John Paul Vella jixhed illi wara s-sejba fil-vettura, "*Arrestajniehom, tajniehom il-caution u hadniehom l-ghassa tan-Naxxar...*"[31]. Mir-rapport redatt minn PS 839 Stephen Micallef, imbagħad, jirriżulta wkoll illi "*Both persons were arrested and conveyed to Naxxar Police Station <u>together with the suspected drugs related items for further</u>*

[31] A fol. 96 tal-proċess.

*investigations*"[32] [sottolinear tal-Qorti] u fix-xhieda tiegħu, huwa jgħid hekk: "*Fid-19 ta' Frar 2013 kont stazzjonat l-ghassa tan-Naxxar fejn ghall-habta tal-4.20pm gejt infurmat minn PC 660 u PC 899 li dak iz-zmien kienu jaghmlu parti mill-mobile squad li kienu waqqfu xi nies, xi persuni go karozza u gewwa sabulhom xi sustanzi llegali. Jien min-naha tieghi, huma gew l-ghassa, gew flimkien mal-persuni li kienu certu Elton Cutajar u Wayne Calleja fejn pprezentawli diversi oggetti relatati mad-droga bhal resina tal-cannabis u xi cigarette butts u anke xi haxixa, ghandi kollox fid-dettall fir-rapport li kont ghamilt jien stess...*" [sottolinear tal-Qorti].[33] Dan ifisser illi PC 899 John Paul Vella eleva l-oġġetti mill-vettura in kwistjoni, kif jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' PC 660 Alex Mifsud – "*Fil-vettura PC 899 eleva kollox*"[34] – u dawn l-oġġetti flimkien mal-imputat u Wayne Calleja ttieħdu ġewwa l-Għassa tan-Naxxar, fejn hemmhekk ġew dokumentati minn PS 839 Stephen Micallef u mbagħad ġew elevati u dokumentati minn PS 465 Daniel Abela, fil-presenza tal-imputat u ta' Calleja, u fotografati minn PS 826 Matthew Parnis. Mir-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela jirriżulta illi huwa esebixxa l-oġġetti minnu elevati flimkien mar-relazzjoni tiegħu. Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, imbagħad, jirriżulta in oltre illi dawn ġew mgħoddija lilu mid-Deputat Reġistratur A. Azzopardi. Fir-rigward, il-Qorti tinnota illi mill-mod kif dawn l-oġġetti jinsabu deskritti fir-relazzjoni tal-espert Sammut, m'hemmx dubju illi dawn kienu l-istess oġġetti dokumentati minn PS 465 Daniel Abela.

Fir-rigward tal-oġġetti misjuba fir-residenza tal-imputat, imbagħad, jirriżulta illi t-tfittxija fl-istess residenza u s-sejba ta' dawn l-oġġetti saret fil-presenza tal-imputat, u illi dawn l-oġġetti ġew dokumentati minn PS 465 Daniel Abela u fotografati minn PS 826 Matthew Parnis fil-presenza tal-istess imputat.

Fir-rigward il-Qorti tirrileva wkoll illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni setgħet imxiet ħafna aħjar meta ġiet biex tiddokumenta l-oġġetti elevati. Għalkemm PS 465 Daniel Abela jiddeskrivi u jiddokumenta l-oġġetti lilu mgħoddija, biss mir-relazzjoni tiegħu ma jirriżultax minn fejn ġew elevati dawn l-oġġetti, stante illi dan ma jidhirx illi ġie indikat lilu waqt li kien qed jespleta l-inkarigu lilu mogħti. L-istess fir-rigward tal-oġġetti fotografati minn PS 826 Matthew Parnis. Għaldaqstant, din il-Qorti kellha tagħmel eżerċizzju hi u dan billi tqabbel l-oġġetti deskritti minn PC 660 u PC 899 bħala dawk elevati mill-vettura in kwistjoni u l-oġġetti elevati mir-residenza rispettiva tal-imputat u ta' Calleja, kif deskritti minn PS 839 fix-xhieda u fir-rapport tiegħu, ma' dawk deskritti minn PS 465 Daniel Abela u ffotografati minn PS 826 Matthew Parnis.

[32] Ara a fol. 52 tal-proċess.
[33] Ara a fol. 111 u 112 tal-proċess.
[34] A fol. 117 tal-proċess.

Dwar l-oġġetti elevati mill-vettura minn PC 660 u PC 899, il-Qorti m'għandhiex dubju illi dawn huma l-oġġetti li ġew indikati minn PS 465 Daniel Abela fir-relazzjoni tiegħu bħala 13 AMN 201 (basket bil-kelma *Vascas*), indikat minn PS 839 fir-rapport tiegħu, 201a (kontenitur tal-plastik kontenenti borża ta' lewn iswed li kienet tikkontjeni sittax-il pakkett li kien fihom xi ħaxix), indikat kemm fix-xhieda ta' PC 899, kif ukoll fir-rapport ta' PS 839, 201c (seba' pakketti tal-plastik vojta) indikati kemm fix-xhieda ta' PC 899, kif ukoll fir-rapport ta' PS 839, 201d (*crusher*) indikat kemm fix-xhieda ta' PC 899, kif ukoll fir-rapport ta' PS 839 u 201f (pakkett tas-sigaretti *Pall Mall* li kien fih għaxar blokok ta' raża suspettata droga). Il-Qorti tinnota wkoll illi l-oġġett mmarkat 201a ġie deskritt minn PC 899 bħala kontenitur tal-plastik li fuqu kellu miktub '*Ultimate Speed*', li fih kien hemm *pouch* iswed li kien fih sittax-il pakkett ta' sustanza ħadranija. Fir-rapport tiegħu PS 838 jgħid illi kien hemm kontenitur tal-plastik blu b'*sticker* bil-kliem '*Ultimate Speed'* li kien jikkontjeni *pouch* iswed tan-nuċċalijiet bil-kliem '*Emporio Armani*'. Fil-faxxikolu fotografiku formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 826 Matthew Parnis, jidher proprju dan il-kontenitur kif deskritt minn PC 899 u PS 839.[35] Dwar il-pakkett tas-sigaretti *Pall Mall* (201f), il-Qorti tinnota diskrepanza fis-sens illi filwaqt illi PC 899 u PS 839 jirreferu għal tmien stikek tar-raża tal-*cannabis* fl-istess pakkett, PS 465 jirreferi għal għaxar stikek. Dan il-pakkett jidher proprju b'għaxar stikek fir-ritratti a fol. 69 tal-proċess. Il-Qorti qed tqis ukoll fir-rigward illi kemm PC 899 u PS 839 jindikaw illi nstabu żewġ stikek ta' sustanza suspettata raża taħt l-i*stereo* tal-vettura u għalhekk, anke għaliex dawn iż-żewġ stikek ma huma ndikati mkien iżjed f'din il-parti tar-relazzjoni ta' PS 465, il-Qorti ma tistax ħlief tikkonkludi illi dawn huma l-istess stikek fil-pakkett tas-sigaretti. Dwar l-oġġetti elevati mill-istess vettura, il-Qorti qed tqis in oltre illi fix-xhieda tiegħu, PC 660 Alex Mifsud jagħraf il-pakkett tas-sigaretti *Pall Mall* li fih instabu s-sustanzi fir-ritratt a fol. 70 tal-proċess, jagħraf il-*joint* li nstab fuq it-tapit fir-ritratt a fol. 73 tal-proċess, kif ukoll il-boroż bis-simbolu tal-*cannabis*, li ġew elevati mill-bieba tan-naħa tax-xufier, fir-ritratt a fol. 75 tal-proċess, u l-*pouch* iswed li fih instabu l-boroż bil-pjanta tal-*cannabis* fir-ritratt a fol. 77 tal-proċess.

Għaldaqstant, il-Qorti m'għandhiex dubju illi l-oġġetti hawn fuq imsemmija nstabu proprju fil-vettura li fiha kienu jinsabu l-imputat odjern u Wayne Calleja.

Fir-rigward tal-oġġetti misjuba fil-pussess tal-imputat ġewwa r-residenza tiegħu, il-Qorti tinnota wkoll illi huwa xi ftit diffiċli li wieħed iqabbel dawn l-oġġetti kif deskritti minn PS 839 Stephen Micallef fir-rapport tiegħu mal-oġġetti kif deskritti u dokumentati minn PS 465 Daniel Abela, fir-relazzjoni tiegħu (minn 13 AMN 203 sa 13 AMN 203e), u dan stante illi huma jiddeskrivu l-istess oġġetti b'mod differenti – hekk per eżempju PS 839 Stephen Micallef jirreferi għal *one green*

[35] Ara a fol. 77, 78 u 79 tal-proċess.

*grinder*, mentri PS 465 jirreferi għall-ħakkieka bil-manku '*lime*'. Madankollu, meta wieħed iqabbel il-lista ta' oġġetti deskritti minn PS 839 bħala dawk misjuba fir-residenza tal-imputat min-naħa l-waħda u l-oġġetti dokumentati minn PS 465 min-naħa l-oħra, mar-ritratti meħuda minn PS 826 Matthew Parnis li jinsabu a fol. 89 *et seq* tal-proċess, jirriżulta illi dawn jaqblu u għalhekk jirriżulta ppruvat illi dawn l-oġġetti huma proprju l-oġġetti li nstabu fir-residenza tal-imputat.

Fit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża ssostni wkoll illi ma tirriżulta l-ebda prova fil-grad rikjest mil-liġi illi l-oġġetti misjuba fil-vettura kienu jappartjenu proprju lill-imputat u dan stante illi fl-istess vettura kien hemm ukoll terza persuna.

Il-Qorti tibda billi tippreċiża illi dak li tippenalizza l-liġi huwa l-pussess tad-droga, liema pussess jista' jkun materjali jew kostruttiv. Għalhekk jista' jkun il-każ illi persuna ma tkunx il-proprjetarja tad-droga li tkun fil-pussess materjali tagħha, iżda tali persuna tirrendi ruħha ħatja tal-pussess ta' dik il-droga, basta li tali pussess ikun volontarju u xjenti.

Għalhekk dak li jeħtieġ illi tistabilixxi l-Qorti f'dan il-każ mhuwiex jekk l-imputat kienx proprjetarju tad-droga li nstabet fil-vettura, iżda sempliċiment jekk jirriżultax, fil-grad rikjest mil-liġi, illi huwa kellu l-pussess materjali ta' dik id-droga, liema pussess da parti tiegħu jeħtieġ li jkun xjenti u volontarju. Fir-rigward il-Qorti tqis illi minkejja li kienu żewġ persuni fil-vettura, l-imputat kien fuq in-naħa tax-xufier u illi l-maġġor parti tad-droga li nstabet fil-vettura kienet proprju fil-bieba tax-xufier, salv għal żewġ stikek tar-raża tal-*cannabis* li kienu taħt l-i*stereo* u dak deskritt bħala *joint* fuq in-naħa tal-passiġġier. F'dan il-kuntest, il-Qorti qed tqis ukoll illi minkejja li l-Prosekuzzjoni baqgħet ma ġabitx il-prova li l-vettura kienet proprju tal-imputat, il-Qorti m'għandhiex dubju illi din kienet tintuża minnu; fl-ewwel lok għaliex kien proprju hu li kien fuq in-naħa tax-xufier tal-istess vettura, u fit-tieni lok għaliex kif jirriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, fiż-żmien tal-każ, Wayne Calleja kien minuri ta' sittax-il sena li kien jeħtieġ li jiġi nterrogat fil-presenza tal-ġenituri tiegħu.[36] Dan il-fatt jirriżulta wkoll mir-rapport redatt minn PS 839 Stephen Micallef, li fih ġie indikat illi Wayne Calleja twieled nhar il-5 ta' Jannar 1997, li jkompli jikkonferma l-eta` ta' Calleja dakinhar li ġie arrestat. Veru illi din m'hijiex l-aqwa prova tal-eta` tal-istess Wayne Calleja, iżda meta wieħed iqis illi l-Ispettur Theuma kien involut f'din l-investigazzjoni, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita minn din il-parti tax-xhieda tiegħu u għalhekk minn dan il-fatt. Tenut kont għalhekk primarjament illi l-imputat instab fuq in-naħa tax-xufier tal-vettura, kif ukoll tal-fatt illi Calleja kien minuri ta' sittax-il sena li allura ma kellux liċenzja tas-sewqan, il-Qorti m'għandhiex dubju illi l-vettura kienet tintuża proprju mill-istess imputat. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, kif ukoll illi l-maġġor parti tad-droga nstabet proprju

[36] Ara a fol. 23 tal-proċess.

fil-bieba tax-xufier, il-Qorti m'għandhiex dubju illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga misjuba fl-istess vettura, liema pussess kien wieħed volontarju u xjenti. Dan minkejja li mill-oġġetti misjuba fir-residenza ta' Wayne Calleja, inkluż raża tal-*cannabis*, jirriżulta ċar illi anke Calleja kien jagħmel użu minn din id-droga.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti għalhekk tqis illi kemm l-imputazzjoni (d), kif ukoll l-imputazzjoni (e) jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati, b'dan illi qed tinstab ħtija fir-rigward tad-19 ta' Frar 2013 u mhux is-sitt xhur ta' qabel din id-data.

In kwantu l-imputazzjonijiet (b) u (ċ) li jirreferu għar-reat ta' pussess tal-pjanta tal-*cannabis* kollha jew biċċa minnha u l-pussess tar-raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis*, f'ċirkostanzi li juru li dawn ma kinux intiżi għall-użu esklussiv tal-imputat, fit-trattazzjoni finali tagħha d-difiża tissottometti illi ma jirriżultax illi dawn l-ammonti ta' droga ma kinux għall-użu personali tal-imputat.

Kif ingħad, mix-xhieda ta' PC 899 John Paul Vella u mir-rapport ta' PS 839 Stephen Micallef jirriżulta illi fil-bieba tax-xufier instabu pakkett tas-sigaretti li kien jikkontjeni tmien stikek tar-raża tal-*cannabis* u *pouch* iswed li kien jikkontjeni sittax-il borża bil-pjanta tal-*cannabis*. Flimkien ma' din id-droga nstabu wkoll seba' boroż vojta bis-simbolu tal-pjanta tal-*cannabis*, liema boroż vojta, mir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' PS 826 Matthew Parnis, jirriżulta illi kienu identiċi għall-boroż li fihom instabet il-pjanta tal-*cannabis*, li wkoll kellhom fuqhom l-istess *logo*.[37] Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut jirriżulta illi r-raża tal-*cannabis* kellha piż ta' 37.4 grammi – għalkemm hawn ix-Xjenzat jagħti t-total tal-għaxar stikek tar-raża tal-*cannabis* misjuba fil-vettura u mhux tat-tmienja li nstabu fil-bieba – filwaqt l-pjanta tal-*cannabis* fis-sittax-il borża kellha piż totali ta' 12.40 grammi, bis-segwenti piżijiet f'kull borża: 0.71 grammi, 0.80 grammi, 0. 72 grammi, 0.65 grammi, 0.90 grammi, 0.55 grammi, 0.58 grammi, 0.82 grammi, 0.90 grammi, 0.81 grammi, 0.65 grammi, 0.89 grammi, 0.90 grammi, 0.78 grammi, 0.82 grammi u 0.92 grammi.

Filwaqt illi l-Qorti qed tqis illi mill-oġġetti misjuba fil-pussess tal-imputat ġewwa r-residenza tiegħu u mis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat, m'hemmx dubju illi huwa kien jagħmel użu mill-*cannabis,* kif ukoll illi mill-konklużjonijiet tal-espert Dr. Roberta Holland, jirriżulta wkoll illi l-imputat kien dipendenti fuq il-*cannabis* fiż-żmien tal-każ odjern, liema dipendenza kienet waħda severa skont l-istess espert, dan xorta ma jispjegax u ma jiġġustifikax il-fatt illi l-imputat kien qed jiġri b'din il-kwantita` ta' droga fil-vettura tiegħu, kif ukoll il-mod kif din id-droga kienet maqsuma. Kemm il-mod li bih kienet maqsuma r-raża tal-*cannabis*, fi stikek tassew simili fid-daqs, kif ukoll il-pjanta tal-*cannabis*, f'boroż identiċi, f'piżijiet tassew simili u bi wħud mill-piżijiet

[37] Ara a fol. 76 u 79 tal-proċess.

identiċi, inkluż ukoll il-fatt illi l-imputat instab ukoll fil-pussess ta' boroż vojta identiċi għal dawk li fihom kienet ippakkjata l-pjanta tal-*cannabis*, b'borża vojta oħra identika tinstab fir-residenza tiegħu flimkien ma' pakkett ta' boroż vojta, iwasslu lill-Qorti sabiex tikkonkludi, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, illi kemm ir-raża tal-*cannabis*, kif ukoll il-pjanta tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinux intiżi għall-użu esklussiv tiegħu. Għaldaqstant, l-imputazzjonijiet (b) u (ċ) ukoll jirriżultaw ippruvati. Anke f'dan ir-rigward qed tinstab ħtija biss fir-rigward tad-19 ta' Frar 2013.

Jifdal biss illi l-Qorti tikkunsidra <u>l-imputazzjoni (a)</u> li tirreferi għar-reat ta' traffikar tar-raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis*. La darba skartati l-istqarrijiet tal-imputat, inkluż ix-xhieda tiegħu li permezz tagħha kkonferma dawn l-istqarrijiet tiegħu bil-ġurament, il-Qorti tqis illi ma tirriżulta l-ebda prova li ssostni din l-imputazzjoni. Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għal fini ta' piena dwar ir-reati li l-imputat qed jinstab ħati tagħhom, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Marzu 2021, liema fedina penali baqgħet kif kienet fiż-żmien tal-każ odjern u tikkonsisti f'każ wieħed ta' serq aggravat u ħsara volontarja li jirrisali għas-sena 2005, dwar liema l-imputat ingħata liberazzjoni kundizzjonata.

Tqis in oltre n-natura serja tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat, iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-ammonti ta' droga nvoluti.

Qed tqis ukoll is-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tal-imputat mill-Uffiċjal tal-*Probation* Sarah Bezzina u ppreżentat minnha fis-seduta tal-20 ta' Frar 2019, mil-liema jirriżulta illi l-imputat iddeċieda li jwaqqaf l-użu tad-droga u kien ilu madwar sena li ndirizza din il-problema. Testijiet tal-urina meħuda waqt il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Madankollu, mir-relazzjoni tal-espert Dr. Roberta Holland ippreżentat minnha fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2019, jirriżulta illi l-imputat irnexxielu jagħmel madwar sitt xhur jew iżjed astinenti mill-*cannabis*, iżda wara xi żmien, madwar erba' xhur qabel ġiet ipprezentata din ir-relazzjoni, huwa reġa' għadda minn *stress* u nkwiet u reġa' rkada. Minn dak iż-żmien huwa beda jpejjep il-*cannabis* b'rata inqas, iżda kien iżid fl-ammont meta jkun stressjat. Fir-rigward, fix-xhieda tagħha Dr. Holland tgħid illi għalkemm l-imputat għadu qed jagħmel użu mill-*cannabis*, huwa għandu iżjed kontroll fuq l-użu tagħha, li kien qed joqgħod attent li jżomm rata ta' użu baxxa u illi għalhekk f'dan l-aspett kien għamel progress, apparti wkoll illi l-imputat wera x-xewqa tiegħu li jieqaf kompletament u kien jidher motivat li jagħmel dan. Jirriżulta wkoll mill-istess

relazzjoni illi l-imputat għandu stil ta' ħajja stabbli. Fil-fatt dan jirriżulta wkoll mis-*Social Inquiry Report.*

Għal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis in oltre illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputat għandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u illi l-piena għandha titnaqqas bi grad (dwar priġunerija) u dan fid-dawl tal-livell ta' kooperazzjoni tiegħu matul l-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tapplika l-imsemmi artikolu u qed tnaqqas il-piena bi grad dwar priġunerija u b'terz dwar piena pekunjarja. Qed tqis ukoll ir-reati fl-imputazzjonijiet (d) u (e) bħala kompriżi u nvoluti fir-reati fl-imputazzjonijiet (b) u (ċ) u in oltre qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tar-reati fl-imputazzjonijiet (b) u (ċ).

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Elton Cutajar** mhux ħati tal-imputazzjoni (a) miġjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnha, filwaqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (b), (ċ), (d) u (e) dedotti kontra tiegħu (u dan b'referenza biss għad-19 ta' Frar 2013) u tikkundannah għall-piena ta' **seba' (7) xhur priġunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt ewro (€900)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' żewġ terzi[38] tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal u f'dawn il-proċeduri, ossia s-somma ta' erbatax-il ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€14.36), rappreżentanti żewġ terzi tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela, is-somma ta' tnejn u disgħin ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€92.68), rappreżentanti żewġ terzi tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 826 Matthew Parnis, u s-somma ta' mitejn, ħamsa u sittin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€265.55), rappreżentanti żewġ terzi tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, b'kollox ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' tliet mija, tnejn u sebgħin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€372.59), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

[38] Dan għaliex ir-relazzjonijiet tal-esperti jirreferu wkoll għall-oġġetti li nstabu fil-pussess ta' Wayne Calleja u mhux biss tal-imputat, b'dan illi apparti l-oġġetti li nstabu fir-residenza rispettiva tagħhom, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-pussess tad-droga misjuba fil-vettura.

Finalment sakemm il-Prosekuzzjoni ma tindikax b'nota, illi għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza, illi d-droga u l-oġġetti konnessi mad-droga esebiti f'dawn il-proċeduri huma meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħrajn kontra terzi persuni, tordna d-distruzzjoni tad-droga u ta' dawn l-oġġetti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur